A.L. 438 ta' l-2010

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2010 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2010 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-17 ta' Awissu, 2010.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art fi Msida ta' madwar 425.92 metru kwadru li fuqha jinsabu mibnija sitt garages u sitt appartamenti, li dawn għandhom aċċess minn bieb magħruf bħala Entratura D fi Triq Mro. Giuseppe Camilleri. L-art ġiet akkwistata mill-Gvern b'Kuntratt 85 datat 15 ta' April, 1995 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u li tmiss mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern, u mill-Grigal ma' Triq Mro. Giuseppe Camilleri. L-art hi reġistrata bħala Tenement No. E20782 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern u tinsab delineata bl-aħmar fuq il-pjanta PD 2009_209_A. (HAM 44/98 vol. II).

(2) Biċċiet art 1 sa 57 u 69 sa 75 fil-*Home Ownership Scheme, Phase IV*, Santa Luċija, markati bħala *Plots* A sa C u delineati bl-aħmar fuq il-pjanta PD11_82_115_A, kif ġej:-

(a) *Plot A*, tal-kejl ta' madwar 6,517.32 metru kwadru u reġistrat bħala Tenement No. E21381

mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-*Plot* jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt 227 datat 7 ta' Diċembru, 2000 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u bid-Dikjarazzjoni tal-President 471 datata 10 ta' Mejju, 2010 u bid-Dikjarazzjoni tal-President 364 datata 15 ta' April, 2010. *Plot A* jmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Ġibjun, mix-Xlokk ma' Triq il-Kaħwiela u mil-Lbiċ ma' Triq il-Klematis;

(b) *Plot B*, tal-kejl ta' madwar 2,650.50 metru kwadru u reġistrat bħala Tenement No. E21382 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-*Plot* jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt 29 datat 3 ta' Frar, 1988 fl-atti tan-Nutar V. Miceli u bid-Dikjarazzjoni tal-President 471 datata 10 ta' Mejju, 2010. *Plot B* jmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Kaħwiela, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Grigal ma' Triq il-Fortizza;

(ċ) *Plot C*, tal-kejl ta' madwar 2,486.75 metru kwadru u reġistrat bħala Tenement No. E21383 mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern. Il-*Plot* jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt 128 datat 7 ta' Ottubru, 2004 u b'kuntratt 8 datat 29 ta'Jannar, 1997, iż-żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar V. Miceli, u bid-Dikjarazzjoni tal-President 483 datata 29 ta' April, 2010. *Plot C* jmiss mill-Majjistral ma' Triq il-Kaħwiela, mix-Xlokk ma' Triq l-Istefanotis u mill-Grigal ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar (HAM 178/82).